KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNARA
ippreżentati fl-1 ta' Lulju 2015 [1]

Kawża C-347/14

New Media Online GmbH

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija)]

"Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Provvista ta' servizzi tal-medja awdjoviżiva — Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva — Artikolu 1(1)(a), (b) u (g) — Kunċetti ta' 'programm' u ta' 'servizz tal-media awdjoviżiva' — Vidjos qosra disponibbli fuq is-sit internet ta' gazzetta"

Introduzzjoni

1. "Iż-żiemel huwa dak li kulħadd jara". Hekk kienet ifformulata waħda mid-definizzjonijiet li tinsab fl-ewwel enċiklopedija Pollakka ppubblikata fis-seklu XVIII [2]. Jista' jidher li l-istess japplika għall-problema tad-definizzjoni tas-servizz tal-medja awdjoviżiva fil-kuntest tal-internet, li hija kkonċernata f'din il-kawża: kulħadd huwa f'pożizzjoni li jagħraf tali servizz b'mod intuwittiv. Iżda meta wieħed jiġi biex jagħtih definizzjoni legali, huwa diffiċli li jinsab kunċett li huwa preċiż biżżejjed, u fl-istess ħin wiesa' biżżejjed.

2. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa dovut għall-fatt li d-definizzjoni tal-kuntest legali tal-funzjonament tal-internet hija waħda mill-isfidi prinċipali li għandhom quddiemhom illum il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza tal-pajjiżi kollha tad-dinja, inklużi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha. Id-diversità mingħajr preċedent u l-kwantità virtwalment infinita ta' informazzjoni disponibbli, l-assenza ta' fruntieri nazzjonali bħala ostakoli maġġuri għaċ-ċirkulazzjoni tal-informazzjoni, il-faċilità li kull persuna għandha li tipproduċi l-informazzjoni liberament u li xxerridha ma' numru kważi illimitat ta' destinatarji, u fl-aħħar nett is-separazzjoni bejn id-dinja virtwali, diġitali, u d-dinja materjali, jeħtieġu strumenti legali ġodda, ħafna drabi kkostruwiti fuq bażijiet kompletament ġodda [3]. Barra minn hekk, din ir-realtà tinbidel b'ritmu mgħaġġel, tant li teċċedi l-kapaċità tal-leġiżlatur li jindirizzaha, b'mod partikolari fil-pajjiżi demokratiċi. B'hekk l-applikazzjoni, fl-era diġitali, ta' regoli intiżi għal dinja analoga tqajjem numru ta' diffikultajiet. Din il-kawża hija manifestazzjoni tad-dilemmi li jaffaċċjaw l-awtoritajiet responsabbli sabiex jiżguraw l-osservanza tal-liġi u sabiex jirregolaw is-swieq.

1 — Lingwa oriġinali: il-Pollakk.

2 — Chmielowski, B., *Nowe Ateny*, Lwów 1745-1746, p. 475.

3 — Eżempju perfett tan-nuqqas ta' adegwatezza tal-kategoriji legali attwali tagħna mar-realtà l-ġdida hija l-klassifikazzjoni skomda tal-bejgħ tal-kontenut iddematerjalizzat tal-kotba (e-books) bħala "servizz" (ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, C-479/13, EU:C:2015:141, u Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-502/13, EU:C:2015:143).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3. Il-kuntest ġuridiku ta' din il-kawża huwa kkostitwit mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Marzu 2010, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva)[4]. L-interpretazzjoni li titlob il-qorti tar-rinviju teħtieġ li, minbarra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li huma s-suġġett tagħha, jiġu kkunsidrati ċerti premessi li jindikaw il-kamp ta' applikazzjoni li l-leġiżlatur ried jagħti lid-Direttiva.

4. Skont il-premessi 11, 21, 22, 24, 28 u 29 tad-Direttiva 2010/13:

"(11) Sabiex tiġi evitatata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, jeħtieġ li titjieb iċ-ċertezza legali, tiġi megħjuna t-tkomplija tas-suq intern u ffaċilitata l-emerġenza ta' żona unika ta' informazzjoni, li tal-inqas livell bażiku ta' regoli kkoordinati jiġu applikati, għas-servizzi tal-media awdjoviżiva kollha, kemm xandir televiżiv (i.e. servizzi tal-media awdjoviżiva lineari) kif ukoll servizzi tal-media awdjoviżiva *on-demand* (i.e. servizzi tal-media awdjoviżiva non-lineari).

[…]

(21) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjoni ta' servizzi tal-media awdjoviżiva għandha tkopri biss is-servizzi tal-media awdjoviżiva, kemm jekk xandir televiżiv kif ukoll jekk *on-demand*, li huma media tal-massa, jiġifieri, li huma maħsuba għal riċezzjoni minn, u li jista' jkollhom impatt ċar fuq, proporzjon sinifikattiv tal-pubbliku ġenerali. Il-kamp ta' applikazzjoni għandu jkun limitat għal servizzi kif definiti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk għandu jkopri kwalunkwe forma ta' attività ekonomika, inkluża dik ta' impriżi tas-servizz pubbliku, iżda m'għandux ikopri attivitajiet li huma primarjament nonekonomiċi u li mhumiex f'kompetizzjoni max-xandir televiżiv, bħal *websites* privati u servizzi li jikkonsistu fil-forniment jew id-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv iġġenerat minn utenti privati għall-finijiet tal-kondiviżjoni u l-iskambju f'komunitajiet ta' interess.

(22) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjoni ta' servizzi tal-media awdjoviżiva għandha tkopri l-media tal-massa fil-funzjoni tagħhom li jagħtu informazzjoni, intratteniment u edukazzjoni lill-pubbliku ġenerali, u għandha tinkludi l-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva iżda għandha teskludi kwalunkwe forma ta' korrispondenza privata, bħal ma huma l-posta elettronika mibgħuta lil numru limitat ta' riċevituri. Dik id-definizzjoni għandha teskludi is-servizzi li l-fini ewlieni tagħhom mhuwiex dak li jipprovdu programmi, jiġifieri fejn kwalunkwe kontenut awdjoviżiv huwa purament inċidentali għas-servizz u mhux il-fini prinċipali tiegħu. L-eżempji jinkludu websites li fihom elementi awdjoviżivi b'mod anċillari biss; bħal elementi grafiċi animati, spots qosra ta' reklami jew informazzjoni relatata mal-prodott jew servizz mhux awdjoviżiv. […]

[…]

(24) Hija karatteristika tas-servizzi tal-media awdjoviżiva *on-demand* li dawn huma 'simili għat-televiżjoni', jiġifieri li jikkompetu għall-istess udjenza bħax-xandiriet bit-televiżjoni u n-natura u l-mezzi ta' aċċess għas-servizz iwasslu lill-utent b'mod raġonevoli biex jistenna

4 — ĠU L 95, p. 1.

protezzjoni regolatorja fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. In vista ta' dan u sabiex ikunu evitati disparitajiet fir-rigward tal-moviment liberu u l-kompetizzjoni, il-kunċett ta' 'programm' għandu jiġi interpretat b'mod dinamiku b'kont meħud ta' żviluppi fix-xandir televiżiv.

[…]

(28) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandux ikopri verżjonijiet elettroniċi ta' gazzetti u magazines.

(29) Il-karatteristiċi kollha tas-servizzi tal-media awdjoviżiva stabbiliti fid-definizzjoni u spjegati fil-premessi 21 sa 28 għandhom ikun preżenti kollha fl-istess waqt."

5. It-talba tal-qorti tar-rinviju għandha l-għan, essenzjalment, li tingħata interpretazzjoni ta' ċerti definizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 2010/13. Dawn id-definizzjonijiet jinsabu fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva. Dan tal-aħħar jipprevedi:

"1. Għall-fini ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'servizz tal-media awdjoviżiva' tfisser:

(i) servizz kif definit mill-Artikoli 56 u 57 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li huwa taħt ir-responsabbiltà editorjali ta' fornitur ta' servizzi tal-media u li l-fini prinċipali tiegħu huwa l-forniment ta' programmi sabiex jagħti informazzjoni, intratteniment jew edukazzjoni, lill-pubbliku ġenerali permezz ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettroniċi fis-sens tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/21/KE. Tali servizz tal-media awdjoviżiva huwa jew xandira bit-televiżjoni kif definit fil-punt (e) ta' dan il-paragrafu jew servizz tal-media awdjoviżiva *on-demand* kif definit fil-punt (g) ta' dan il-paragrafu;

[…]

(b) 'programm' tfisser sett ta' immaġini jiċċaqilqu bil-ħoss jew mingħajru li jikkostitwixxi element individwali fi skeda jew katalogu stabbilit minn fornitur ta' servizzi tal-media u li l-forma u l-kontenut tiegħu huma komparabbli mal-forma u l-kontenut tax-xandir televiżiv. Eżempji ta' programmi jinkludu films prinċipali, avvenimenti sportivi, kummiedji sitwazzjonali, dokumentarji, programmi għat-tfal u drammi oriġinali;

[…]

(g) 'servizz *on-demand* tal-media awdjoviżiva)' (i.e. servizz tal-media awdjoviżiv non-lineari) tfisser servizz tal-media awdjoviżiva pprovdut minn fornitur ta' servizzi tal-media għall-wiri ta' programmi fil-mument magħżul mill-utent u fuq it-talba individwali tiegħu abbażi ta' katalogu ta' programmi magħżul mill-fornitur ta' servizzi tal-media;

[…]"

Id-dritt Awstrijak

6. Id-Direttiva 2010/13 ġiet trasposta fid-dritt Awstrijak mill-Bundesgesetz über audiovisuelle Mediendienste (Liġi dwar is-servizzi tal-medja awdjoviżiva, iktar 'il quddiem l-"AMD-G")[5]. Id-definizzjonijiet ta' servizz tal-medja awdjoviżiva, ta' servizz tal-medja awdjoviżiva on-demand u ta' programm jinsabu fl-Artikolu 2(3), (4) u (30) tal-AMD-G. Il-formulazzjoni tagħhom taqbel ma' dik tad-definizzjonijiet korrispondenti li jinsabu fid-Direttiva 2010/13.

7. Skont l-Artikolu 9(1) tal-AMD-G:

"Sa fejn ma humiex suġġetti għal awtorizzazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 3(1), ix-xandara televiżivi, bħall-fornituri ta' servizzi tal-medja on-demand, għandhom jinnotifikaw l-attività tagħhom lill-awtoritajiet regolatorji mhux iktar tard minn ġimagħtejn qabel ma jingħata bidu għall-attività."

Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

8. New Media Online GmbH, kumpannija rregolata bid-dritt Awstrijak, topera s-sit internet tal-gazzetta Tiroler Tageszeitung taħt l-isem ta' Tiroler Tageszeitung Online[6]. F'dan is-sit, minbarra kontenut ieħor, hemm taqsima separata msejħa "Vidjos", li, fiż-żmien meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali, kienet tinkludi katalogu ta' madwar 300 kontenut awdjoviżiv. Dawn l-elementi, li t-tul tagħhom ivarja minn xi għexieren ta' sekondi sa diversi minuti, kienu ftit jew wisq marbuta ma' kontenut ieħor tas-sit u kienu ġejjin minn diversi sorsi (kontenut tiegħu stess, materjal prodott mit-televiżjoni lokali, ipprovdut mill-utenti tas-sit, eċċ.).

9. Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Ottubru 2012, il-Kommunikationsbehörde Austria (awtorità regolatorja Awstrijaka) ikkunsidrat li t-taqsima "Vidjos" fis-sit internet ta' Tiroler Tageszeitung Online kienet tikkostitwixxi servizz tal-medja awdjoviżiva on-demand fis-sens tal-AMD-G, suġġett għall-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 9(1) ta' din il-liġi.

10. Il-kumpannija New Media Online ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bundeskommunikationssenat (awtorità ġudizzjarja kompetenti fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet), li tat id-deċiżjoni tagħha fit-13 ta' Diċembru 2012. L-imsemmija kumpannija kkontestat ukoll din id-deċiżjoni quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (Qorti amministrattiva).

11. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. L-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva [2010/13] għandu jiġi interpreat fis-sens li jista' jiġi stabbilit li l-forma u l-kontenut ta' servizz inkwistjoni huma paragunabbli, bil-mod meħtieġ, ma' dawk tax-xandir televiżiv meta tali servizzi huma proposti wkoll mix-xandir televiżiv, li jista' jiġi kkunsidrat bħala medja tal-massa, li huma intiżi għal riċezzjoni minn parti sinjifikattiva tal-pubbliku ġenerali, u li jista' jkollhom impatt ċar fuqu?

2. L-Artikolu 1(1)(a)(i) tad-Direttiva [2010/13] għandu jiġi interpreat fis-sens li, għall-finijiet li jiġi evalwat l-għan prinċipali ta' servizz offert fil-każ ta' verżjonijiet elettroniċi tal-gazzetti, tista' tiġi kkunsidrata parti minn sezzjoni, fejn hija pprovduta fil-parti l-kbira ġabra ta' vidjos qosra li, f'sezzjonijiet oħra ta' dan is-sit tal-internet tal-mezz elettroniku inkwistjoni, jintużaw unikament sabiex jikkompletaw artikoli tal-gazzetta online?"

5 — BGBl. Nru 84/2001, kif emendata.

6 — www.tt.com.

12. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Lulju 2014. New Media Online, il-Gvern Svediż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. New Media Online u l-Kummissjoni kienu rrappreżentati fis-seduta li nżammet fit-22 ta' April 2015.

Analiżi

13. Il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni ta' tnejn mill-kriterji li jippermettu li servizz jiġi kklassifikat bħala servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva 2010/13. Jiena ma nikkontestax l-importanza ta' dawn iż-żewġ kriterji. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, din il-kawża tqajjem problemi iktar ġenerali marbuta mal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva għal dak li jirrigwarda l-kontenut pubblikament disponibbli fuq l-internet. Għalhekk nixtieq nipproponi li l-problema mqajma mill-qorti tar-rinviju tiġi ttrattata b'mod iktar ġenerali. Jidhirli li dan l-approċċ huwa iktar u iktar opportun peress li, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha l-opportunità, għall-ewwel darba, li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tal-imsemmija direttiva.

14. Qabel ma nittratta din il-kwistjoni, ser nibda billi nfakkar fil-qosor il-ġenesi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-medja awdjoviżiva [7].

Il-ġenesi tad-Direttiva 2010/13

15. Għalkemm sa mill-1974, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ix-xandiriet televiżivi bħala servizz fis-sens tat-Trattat [8], dawn il-kwistjonijiet ma qajmux l-interess tal-leġiżlatur Komunitarju qabel is-snin 80 tal-seklu li għadda. Dan minħabba l-fatt li t-televiżjoni terrestri tradizzjonali kienet tiddependi mid-disponibbiltà tal-frekwenzi tar-radju. Kienu l-Istati Membri li kienu jiġġestixxu dawn il-frekwenzi li kienu jallokawhom lid-diversi stazzjonijiet tat-televiżjoni, billi jagħtu lil dawn tal-aħħar liċenzja ta' xandir limitata għat-territorju rispettiv tagħhom. Għalhekk is-servizzi televiżivi kellhom biss importanza transkonfinali żgħira.

16. Is-sitwazzjoni nbidlet mal-iżvilupp tat-televiżjoni bil-cable u iktar u iktar bis-satellita. It-teknoloġija ġdida mhux biss ippermettiet żieda notevoli fil-kanali tat-televiżjoni, iżda wkoll li jintlaħaq pubbliku li jinsab barra l-Istat Membru tas-sede tal-fornitur. Dan fetaħ il-kamp għal-ħolqien ta' suq wieħed tas-servizzi televiżivi.

17. Ix-xogħol leġiżlattiv beda bil-Green Paper tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ġunju 1984 dwar it-televiżjoni mingħajr fruntieri [9]. Dawn ix-xogħol wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-televiżjoni mingħajr fruntieri [10]. Din id-direttiva stabbilixxiet il-prinċipju riċezzjoni libera tax-xandiriet bit-televiżjoni trażmessi minn Stat Membru fit-territorju ta' Stati Membri oħra. Inkambju għal dan, hija imponiet fuq ix-xandara Komunitarji kollha regoli minimi li stabbilixxew limiti kwalitattivi u kwantitattivi fil-qasam tar-reklamar, tal-isponsorship u tat-teleshopping, tal-protezzjoni tal-minuri u tal-ordni pubbliku, u stabbilixxiet dritt għal risposta. Ir-regoli previsti mill-imsemmija direttiva għal dak li jirrigwarda l-kompetenza tad-diversi Stati Membri fuq x-xandara jiżgura li kull xandar ikun suġġett għal-leġiżlazzjoni u għall-awtoritajiet regolatorji ta' Stat Membru wieħed. Barra minn hekk, id-Direttiva "Televiżjoni mingħajr fruntieri" imponiet fuq ix-xandara televiżivi obbligi għal dak li

7 — Qed nirreferi għad-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut imxandar b'mezzi tal-media awdjoviżiva. Peress li dawn ma jaqgħux taħt din il-kawża, m'iniex ser insemmi d-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament tan-netwerks ta' telekomunikazzjonijiet u l-aċċess għalihom, u lanqas dawk dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li ma humiex awdjoviżivi, dwar il-protezzjoni tad-dritt tal-awtur, eċċ.

8 — Sentenza Sacchi (155/73, EU:C:1974:40, punt 6).

9 — Televiżjoni mingħajr fruntieri, Green Paper dwar l-istabbiliment tas-suq komuni tax-xandir, b'mod partikolari bis-satellita u bil-cable [COM(84) 300 finali].

10 — Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 6, Vol. 1, p. 224). Ara f'dan ir-rigward, Mik, C., *Media masowe w europejskim prawie wspólnotowym*, Toruń 1999, p. 239 sa 243.

jirrigwarda l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej. Emenda tal-1997 [11] għad-Direttiva "Televiżjoni mingħajr fruntieri" stabbilixxiet b'mod partikolari l-possibbiltà li l-Istati Membri jidentifikaw avvenimenti li t-trażmissjoni mill-ġdid tagħhom ma tistax tkun irriżervata esklużivament għall-kanali bil-ħlas.

18. Il-progress teknoloġiku rapidu fil-qasam tal-medja elettronika kif qaleb is-seklu ppermetta mhux biss żieda ulterjuri sinjifikattiva fil-volum ta' offerti tradizzjonali tat-televiżjoni, iżda wkoll it-tnissil ta' forom ġodda ta' servizzi awdjoviżivi, bħal kull tip ta' servizz on-demand. L-iżvilupp tal-internet, kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll ta' aċċessibbiltà għall-utenti, bħala mezz ġdid tas-seklu XXI, ikkostitwixxa fenomenu separat. Dan l-iżvilupp teknoloġiku kien akkumpanjat minn tibdil progressiv fl-aġir u l-aspettattivi tal-utenti. Peress li s-sitwazzjoni legali baqgħet ma nbidlitx, dawn il-fenomeni ġodda pprovokaw żbilanċ fil-kompetizzjoni li baqa' jiżdied fis-suq tas-servizzi awdjoviżivi.

19. Il-Kummissjoni indikat il-bżonn ta' tibdil fir-raba' rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 89/552 [12], kif ukoll fil-Komunikazzjoni dwar il-futur tal-politika tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam awdjoviżiv [13]. Fit-tmiem tax-xogħol preparatorju u wara konsultazzjoni wiesgħa, il-Kummissjoni adottat abbozz ta' direttiva li temenda d-Direttiva 89/552 [14]. Suġġett għal xi emendi minimi, dan l-abbozz ġie adottat bħala d-Direttiva 2007/65 [15].

20. Din id-Direttiva emendat id-Direttiva 89/552 b'mod sinjifikattiv. Fl-ewwel lok l-emendi kienu jirrigwardaw it-titolu stess tad-Direttiva, fil-kuntest ta' emenda terminoloġika: ma għadhomx jissemmew attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni, iżda servizzi tal-medja awdjoviżiva. Id-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva ġew irriveduti b'mod fundamentali fis-sens ta' liberalizzazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tar-reklamar u ta' forom oħra ta' promozzjoni ta' oġġetti u servizzi. Mill-perspettiva ta' din il-kawża, l-emenda l-iktar importanti kienet it-twessiegħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għas-servizzi awdjoviżivi msejħa "non-lineari", magħrufa komunement bħala "servizzi *on-demand*". Dawn is-servizzi ġew issuġġettati — b'mod strettament limitat għar-regoli bażiċi — għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-minuri u tal-ordni pubbliku, dwar ir-reklamar, kif ukoll għal dawk intiżi li jiffavorixxu l-produzzjoni Ewropea. Dispożizzjonijiet iktar preċiżi jirregolaw is-servizzi lineari, jiġifieri t-televiżjoni tradizzjonali. Id-Direttiva 2010/13 hija t-test ikkodifikat tad-Direttiva 89/552, wara l-emendi stabbiliti mid-Direttiva 2007/65 [16].

21. Kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li bilfors jikkostitwixxu ġabra fil-qosor ħafna, ir-regolamentazzjoni tas-servizzi awdjoviżivi non-lineari hija sempliċement idderivata mir-regoli relatati mas-servizzi lineari, jiġifieri t-televiżjoni. Huwa fid-dawl ta' dan il-ġenesi li fl-opinjoni tiegħi għandha tiġi interpretata d-definizzjoni li tagħti d-Direttiva 2010/13 tas-servizzi tal-medja awdjoviżiva, billi titqiegħed fir-realtajiet tas-soċjetà tal-informazzjoni.

11 — Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997, li temenda d-Direttiva 89/552 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 321).

12 — Ir-raba' rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 89/552/KEE "Televiżjoni mingħajr fruntieri" [COM(2002) 778 finali].

13 — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-futur tal-politika tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam awdjoviżiv [COM(2003) 784 finali].

14 — COM(2005) 464 finali.

15 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2007, li temenda d-Direttiva 89/552 (ĠU L 332, p. 27).

16 — Għal iktar dettalji dwar l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi awdjoviżivi, ara pereżempju, Chałubińska-Jentkiewicz, K., *Audiowizualne usługi medialne. Reglamentacja w warunkach konwersji cyfrowej*, Varsavja 2013, p. 78 sa 118; Burri-Nenova, M., The New Audiovisual Media Services Directive: Television Without Frontiers, Television Without Cultural Diversity, *Common Market Law Review*, Volum 44(2007), p. 1689 (speċjalment p. 1693 *et seq*).

Definizzjoni tas-servizzi tal-medja awdjoviżiva fil-kuntest tas-soċjetà tal-informazzjoni

Żvilupp tal-internet u tas-servizzi tal-medja awdjoviżiva

22. B'mod parallel mal-iżvilupp tat-televiżjoni espost iktar 'il fuq, seħħet evoluzzjoni oħra, kultant deskritta saħansitra bħala rivoluzzjoni, jiġifieri t-tnissil u l-iżvilupp ta' netwerk informatiku dinji, jiġifieri l-internet. Minn kurżità teknika rriżervata biss għal ċirku ristrett ta' speċjalisti, l-internet sar fi ftit deċenni għodda ta' użu universali u ta' kuljum għax-xogħol, għall-edukazzjoni u għad-divertiment. Serje sħiħa ta' attivitajiet tmexxew kompletament jew parzjalment għal fuq in-netwerk: il-posta elettronika qed tissostitwixxi l-korrispondenza tradizzjonali, il-portals ta' informazzjoni qed jissostitwixxu l-gazzetti, il-kummerċ elettroniku qed jissostitwixxu l-ħwienet fid-dinja reali, is-siti ta' laqgħat online qed jissostitwixxu l-aġenziji matrimonjali, eċċ. Madankollu, l-internet wassal ukoll għal numru ta' fenomeni ġodda li jappartjenu biss lil din il-medja, pereżempju l-mezzi ta' komunikazzjoni ġodda li huma l-fora ta' diskussjoni jew in-netwerks soċjali, li fosthom l-iktar famużi huma Facebook u Twitter.

23. Il-fenomenu ta' "internetizzazzjoni" ma ħalliex barra lis-servizzi awdjoviżivi. B'mod partikolari, l-iżvilupp tal-broadband internet — billi żied ħafna l-veloċità tat-trażmissjoni tad-data — ippermetta, minn naħa, it-tixrid tas-servizzi awdjoviżivi lineari u non-lineari permezz tal-internet (Internet Protokoll Televiżjoni, IPTV), u, min-naħa l-oħra, nissel numru prattikament illimitat ta' forniturі ġodda u ta' forom ġodda ta' servizzi awdjoviżivi.

24. Il-broadband internet huwa akkumpanjat ukoll minn fenomenu essenzjali ieħor mill-perspettiva ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiġifieri dak tal-multimedja. Fl-epoka analoġika u fil-bidu tal-iżvilupp tal-internet, il-kitba, il-ħoss u l-immaġini, b'mod partikolari animata, kienu pjuttost strettament separati. Il-gazzetti u l-kotba kienu s-sors tal-kitba, kultant illustrati minn ritratti jew disinni, ir-radju kien medja esklużivament tal-ħoss, filwaqt li ċ-ċinema u t-televiżjoni kienu jikkostitwixxu l-medja awdjoviżiva, jiġifieri taħlita ta' immaġini animata u ħoss. L-internet jippermetti li jiġi kkomunikat lill-pubbliku kontenut li jinkludi dawn it-tliet tipi ta' medja. B'dan il-mod, il-portals ta' informazzjoni tal-internet ma humiex marbuta li jxerrdu sempliċi test, iżda jistgħu jżewqu u jikkompletaw it-test b'vidjos, filwaqt li l-istabbilimenti ta' edukazzjoni u ta' taħriġ jistgħu jarrikkixxu l-kontenut edukattiv permezz ta' reġistrazzjonijiet ta' konferenzi, u l-klabbs sportivi jistgħu jakkumpanjaw ir-rapporti tal-partiti b'vidjos, eċċ.

25. Illum, kull portal tal-internet joffri, barra dokumenti bil-miktub u grafiċi, elementi awdjoviżivi ftit jew wisq marbuta tematikament mal-bqija tal-portal. Dawn l-elementi jistgħu jagħmlu parti integrali mit-testi bil-miktub, iżda jistgħu wkoll ikunu ta' natura indipendenti. Madankollu, fl-ippjanar tal-paġni tal-internet, dawn l-elementi awdjoviżivi huma ġeneralment miġbura taħt subpaġni distinti, li jew jikkorrispondu għad-diversi suġġetti indirizzati mill-portal, jew jikkostitwixxu parti kompletament distinta, komunement imsejħa "Vidjo", jew anki "TV" (għalkemm fir-realtà ma jikkostitwixxux televiżjoni, jiġifieri servizz lineari).

26. Għalhekk, mill-perspettiva legali, il-kwistjoni li tqum hija jekk il-kontenut ta' din in-natura jistax jitqies b'mod sħiħ li huwa servizzi tal-medja awdjoviżiva, u jekk le, fejn għandhom jitqiegħdu l-limiti. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal dak li jirrigwarda dan il-kontenut huwa suġġett għal ċerta kawtela u huwa ddefinit b'mod differenti fil-leġiżlazzjoni u fil-prassi tal-awtoritajiet regolatorji tad-diversi Stati Membri [17]. Din is-sitwazzjoni tmur kontra r-rekwiżit tal-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fit-territorju tal-Unjoni kollha.

17 — Ara, pereżempju, Cabrera Blázquez, F.J., On-demand Services: Made in the Likeness of TV?, in: *What Is an On-demand Service*, IRIS-Plus 2013-4, European Audiovisual Observatory, Strasbourg 2013, p. 7; Metzdorf, J., The Implementation of the Audiovisual Media Services Directive by National Regulatory Authorities. National Responses to Regulatory Challenges, *Journal of Intellectual Property, Information Technology and Electronic Commerce Law*, Volum 5(2014), Issue 2, p. 88.

L-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13 għall-elementi awdjoviżivi tal-portals tal-internet

27. Fid-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-proċedura prinċipali, l-awtorità regolatorja Awstrijaka użat definizzjoni wiesgħa tas-servizzi tal-medja awdjoviżiva, billi kkunsidrat li l-katalogu tal-kontenut awdjoviżiv offrut fuq is-sit internet ta' Tiroler Tageszeitung Online fis-sezzjoni "vidjos" kien jagħmel parti minnhom.

28. Minkejja li dan l-argument jista' jkun iġġustifikat abbażi tad-Direttiva 2010/13, interpretazzjoni daqshekk wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jidhirli li hija żbaljata għal diversi raġunijiet.

29. L-ewwel nett, jidhirli li ma hijiex konformi mal-għanijiet li l-leġiżlatur ried jilħaq bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-medja awdjoviżiva [18]. Kif indikajt iktar 'il fuq, ir-regolamentazzjoni tas-servizzi awdjoviżivi f'din id-direttiva hija sempliċement idderivata mir-regoli relatati mas-servizzi lineari, jiġifieri tat-televiżjoni tradizzjonali (tradizzjonali fis-sens tal-kontenut u tal-iskeda tal-programmi, u mhux tal-mezz tekniku ta' xandir). Skont l-espożizzjoni tal-motivi tal-abbozz tad-Direttiva 2007/65 [19] u l-premessi tad-Direttiva 2010/13 [20], ir-regolamentazzjoni tas-servizzi non-lineari hija intiża sabiex tiżgura kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn tipi ta' attivitajiet ekonomiċi simili, billi tapplika fil-konfront tagħhom, tal-inqas essenzjalment, regoli analogi. Fl-opinjoni tiegħi, ma hemmx lok li dan l-għan jiġi interpretat b'mod wiesa', billi jiġu inklużi servizzi li ma humiex f'kompetizzjoni diretta max-xandir televiżiv.

30. It-tieni nett, l-interpretazzjoni sostnuta mill-awtorità regolatorja Awstrijaka fil-kawża prinċipali tissuġġetta għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva numru kunsiderevoli ta' operaturi li ċertament jużaw sit internet li jinkludi kontenut awdjoviżiv, iżda li l-attività tagħhom ma għandhiex bħala għan prinċipali li toffri servizzi awdjoviżivi fis-sens ta' din id-direttiva. Għalkemm huwa minnu li l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2010/13 għall-forniturі ta' servizzi non-lineari huma biss ta' natura minima, xorta jibqa' l-fatt li, fil-prassi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-fatt li servizz jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet intiżi sabiex jittrasponu d-Direttiva, iġib miegħu tal-inqas il-bżonn ta' reġistrazzjoni, u f'ċerti Stati Membri, obbligi addizzjonali, bħal ħlas ta' taxxa (ir-Renju Unit) jew obbligu ta' dikjarazzjoni (Franza). Anki jekk tali reġistrazzjoni ma għandhiex in-natura ta' awtorizzazzjoni sabiex tiġi eżerċitata l-attività, dan xorta jfisser li parti sinjifikattiva mill-attività eżerċitata fuq l-internet hija suġġetta għal kontroll amministrattiv, li jista' jiġi pperċepit bħala limitazzjoni tal-libertà ta' azzjoni li tgawdi din il-medja.

31. L-issuġġettar għal kontroll amministrattiv ta' numru wisq kbir ta' aspetti tal-funzjonament tas-siti internet iġib ukoll sfida enormi għall-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri, fid-dawl tal-faċilità li biha jinħolqu dawn is-siti u tal-fatt li jiġi ppubblikat kull tip ta' kontenut, inkluż kontenut awdjoviżiv. Tentattiv sabiex tiġi applikata regolamentazzjoni wiesgħa ħafna jista' jkollu l-konsegwenza li jċaħħad id-Direttiva mill-effettività tagħha, anki fil-qasam li għalih hija effettivament intiża.

32. It-tielet u l-aħħar nett, l-argument imressaq mill-awtorità regolatorja Awstrijaka jissuġġetta l-applikazzjoni tad-Direttiva għall-arkitettura konkreta ta' sit internet. Skont tali interpretazzjoni, huwa biss il-kontenut awdjoviżiv miġbur fil-katalogu li jikkostitwixxi servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva. Jekk dan il-kontenut huwa mill-banda l-oħra maqsum f'diversi punti tas-sit, jitqies li jikkostitwixxi parti integrali minnu, u mhux li jikkostitwixxi servizz separat, b'tali mod li ma huwiex suġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, dan huwa biss każ ta' ċerta soluzzjoni teknika, li ma jistax ikollha effett fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Il-fatt jekk servizz jaqax jew le taħt id-Direttiva jista' jiddependi biss min-natura tiegħu, u mhux mill-arkitettura tas-sit internet li fil-kuntest tiegħu huwa offrut.

18 — B'dan l-isem jiena nifhem, skont il-perijodu kkonċernat, jew id-Direttiva 89/552, kif emendata mid-Direttiva 2007/165, jew id-Direttiva 2010/13.

19 — COM(2005) 646 finali.

20 — Ara l-premessi 11 u 24 tad-Direttiva 2010/13.

33. Jien ma nikkontestax li qari letterali tad-Direttiva 2010/13 jista' jissuġġerixxi li l-interpretazzjoni użata mill-awtorità regolatorja Awstrijaka hija xierqa, jew li hija tikkostitwixxi fi kwalunkwe każ waħda mill-interpretazzjonijiet li tippermetti din id-direttiva. Madankollu, ma jidhirlix li din l-interpretazzjoni hija konformi mal-volontà tal-leġiżlatur. Għar-raġunijiet esposti iktar 'il fuq, jiena nikkunsidra wkoll li hija ma tippermettix li jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva u li hija lanqas ma tikkontribwixxi għall-applikazzjoni uniformi tagħha fl-Istati Membri kollha.

34. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva ma tidhirx li baqgħet applikabbli "minkejja l-mogħdija taż-żmien", kif riedu dawk li ħolquha [21]. Numru ta' formulazzjonijiet li hija tinkludi ma humiex preċiżi u ma humiex adatti għar-realtajiet tal-broadband internet. Madankollu, nikkunsidra li, jekk tingħata interpretazzjoni dinamika, tista' tingħata sens li jikkorrispondi għar-realtà kontemporanja u għall-evoluzzjoni rapida tal-internet.

L-elementi tad-definizzjoni ta' servizz tal-medja awdjoviżiva, kif jirriżultaw mid-Direttiva 2010/13

35. Id-definizzjoni ta' servizz tal-medja awdjoviżiva tinsab fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2010/13, filwaqt li ċerti termini użati fiha huma, min-naħa tagħhom, iddefiniti fil-punti sussegwenti tal-istess artikolu. Is-servizz tal-medja non-lineari ġie ddefinit fl-Artikolu 1(1)(g) tal-imsemmija direttiva. Il-kuntest ġuridiku li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tad-Direttiva 2010/13 huwa ddeterminat ukoll mill-premessi ta' din id-direttiva, li jagħmlu riferiment dirett għad-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tagħha jew b'mod iktar ġenerali, għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

36. Skont l-Artikolu 1(1)(a)(i) [22] tad-Direttiva 2010/13, moqri flimkien mal-premessa 29 ta' din l-istess direttiva, servizz tal-medja awdjoviżiva għandu jissodisfa dawn il-kriterji li ġejjin:

— ikun ta' natura ekonomika,

— jaqa' taħt ir-responsabbiltà editorjali tal-fornitur,

— ikollu bħala għan prinċipali l-provvista ta' kontenut awdjoviżiv,

— jikkonsisti fil-provvista ta' programmi,

— ikun ta' natura informattiva, ta' divertiment jew edukattiva,

— ikun aċċessibbli għall-pubbliku,

— jiġi trażmess permezz ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

37. Il-premessa 29 tad-Direttiva 2010/13 tenfasizza li huwa biss jekk dawn il-kriterji kollha, kif ukoll il-karatteristiċi stabbiliti fil-premessi l-oħra, ikunu preżenti fl-istess waqt li servizz jista' jiġi kklassifikat bħala servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva. Fl-opinjoni tiegħi dan jirriżulta mill-volontà tal-leġiżlatur li f'din id-definizzjoni, u għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, jaqgħu biss it-tipi ta' servizzi espressament iddefiniti. Dan jimmilita favur interpretazzjoni stretta tad-definizzjoni tas-servizzi tal-medja awdjoviżiva.

21 — Reding, V., The Audiovisual Media Services Directive: the Right Instrument to Provide Legal Certainty for Europe's Media Business in the Next Decade, *ERA Forum*, 2006-2, p. 265.

22 — L-Artikolu 1(1)(a)(ii) tad-Direttiva 2010/13 isemmi wkoll, fost is-servizzi tal-medja awdjoviżiva, il-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva; madankollu m'iniex ser inqajjem dan l-aspett, peress li ma jirrigwardawx is-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet.

38. Skont l-ewwel wieħed mill-kriterji ċċitati, dan jirrigwarda servizz fis-sens tat-Trattat, u għalhekk għandu n-natura ta' attività ekonomika. Skont il-premessa 21 tad-Direttiva 2010/13, għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha "*websites* privati u servizzi li jikkonsistu fil-forniment jew id-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv iġġenerat minn utenti privati għall-finijiet tal-kondiviżjoni u l-iskambju f'komunitajiet ta' interess". Dan jirrigwarda essenzjalment kull tip ta' siti privati stabbiliti u operati minn individwi, mingħajr skop ekonomiku, bħal blogs jew il-vidjo blogs, kif ukoll siti bħal YouTube.

39. Is-sit internet ta' gazzetta maħruġa wkoll fil-verżjoni fuq il-karta, tat-tip tal-portal tat-Tiroler Tageszeitung Online, għandu mingħajr dubju natura ekonomika u jissodisfa għalhekk l-ewwel kriterju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiġi nnotat b'mod inċidentali li din id-demarkazzjoni llum ma għadhiex dejjem daqstant evidenti. Minn naħa waħda, fil-fatt, fenomenu li dejjem qed jiżdied huwa li jiddaħħlu reklami bi ħlas fuq il-paġni tal-internet privati l-iktar popolari, ħaġa li tagħmel minnhom sors ta' dħul għal min joħloqhom, u għalhekk forma ta' attività ekonomika. Min-naħa l-oħra, siti tat-tip YouTube jinkludi kanali professjonali ("branded channels"), li ma humiex kontenut maħluq mill-utenti. Il-kwistjoni dwar jekk u sa fejn id-Direttiva 2010/13 tista' tapplika għal dan it-tip ta' xandiriet ser tkun l-isfida li jmiss għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u għall-qrati.

40. Il-kriterju tat-trażmissjoni permezz ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, kif ukoll dak tal-aċċessibbiltà għall-pubbliku [23], ma humiex partikolarment utli sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13 għal dak li jirrigwarda l-aspett li jinteressana. L-internet huwa n-netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi per eċċellenza u dak kollu li ma ġiex irriżervat għal ċertu grupp ta' utenti huwa aċċessibbli mill-pubbliku. Bl-istess mod, in-natura informattiva, ta' divertiment jew edukattiva tal-kontenut trażmess ma jikkostitwixxix kriterju partikolarment selettiv, peress li jkopri kważi l-isfera immaġinabbli kollha tal-kontenut awdjoviżiv, iktar u iktar jekk dan il-kontenut għandu wkoll natura kummerċjali u pubblika.

41. Ir-responsabbiltà editorjali ġiet iddefinita b'mod wiesa' ħafna fl-Artikolu 1(1)(c) tad-Direttiva 2010/13. Fil-fatt hija ma tirrigwardax responsabbiltà dwar il-kontenut tal-materjal awdjoviżiv imxandar kollu (il-"programmi" skont it-terminoloġija tad-Direttiva), iżda sempliċement dwar is-selezzjoni ta' dan il-materjal u l-organizzazzjoni tiegħu fil-kuntest tas-servizzi. Fil-fatt, dan il-kriterju essenzjalment jista' jservi biss sabiex issir distinzjoni bejn il-forniturі tal-kontenut u l-operaturi li joffru servizz ta' trażmissjoni ta' data (bħall-forniturі ta' netwerks tat-televiżjoni bil-cable jew ta' konnessjoni tal-internet).

42. Jibqa' li jiġu eżaminati ż-żewġ kriterji li l-qorti tar-rinviju talbet l-interpretazzjoni tagħhom. Skont il-kriterju tal-għan prinċipali, huwa awdjoviżiv biss is-servizz li l-għan prinċipali tiegħu huwa l-provvista ta' kontenut awdjoviżiv. Fid-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali, l-awtorità regolatorja Awstrijaka kkunsidrat li l-katalogu ta' kontenut vidjo li jinsab fil-paġna tal-internet kien jikkostitwixxi servizz separat. L-għan prinċipali ta' servizz hekk iddefinit huwa, bilfors, il-provvista ta' kontenut awdjoviżiv. F'tali interpretazzjoni, il-kriterju tal-għan prinċipali jitlef madankollu s-sens kollu, peress li kif diġà rrilevajt iktar 'il fuq, huwa jissuġġetta l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-arkitettura konkreta li jippreżenta sit tal-internet f'data partikolari.

43. Il-programm huwa mbagħad iddefinit fl-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2010/13. Din id-definizzjoni hija adattament tad-definizzjoni li kienet tinsab fil-formulazzjoni inizjali tad-Direttiva 89/552. Din id-dispożizzjoni tiddefinixxi l-programm bħala element individwali fil-kuntest ta' skeda, f'servizz lineari, jew fil-kuntest ta' katalogu, f'servizz non-lineari. Il-programm għandu barra minn hekk ikollu forma u kontenut komparabbli mal-forma u mal-kontenut tax-xandir televiżiv. Din ir-riżerva tikkostitwixxi indizju ieħor tal-fatt li l-intenzjoni tal-leġiżlatur ma kinitx li jdaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva kontenut awdjoviżiv li normalment ma jixxandarx fuq it-televiżjoni.

23 — Ara l-aħħar żewġ inċiżi fil-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44. Minbarra d-definizzjoni ta' servizzi tal-medja awdjoviżiva b'mod ġenerali, id-Direttiva 2010/13 tinkludi, fl-Artikolu 1(1)(g), id-definizzjoni ta' servizzi non-lineari (ikkunsidrati bħala servizzi on-demand). Skont din id-definizzjoni, fil-kuntest ta' servizz non-lineari, l-utent jista' jagħżel u jara x'ħin jixtieq programm meħud minn katalogu magħżul mill-fornitur tas-servizz. Jidher li l-awtorità regolatorja Awstrijaka kkunsidrat fid-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali li, bħal katalogu ta' kontenut vidjo li jinsab fis-sit internet ta' Tiroler Tageszeitung Online, dan is-sit (jew pjuttost il-parti tiegħu li tinkludi dan il-katalogu) jikkostitwixxi servizz tal-medja awdjoviżiva on-demand.

45. Madankollu, jiena nikkunsidra li fl-interpretazzjoni ta' din id-definizzjoni, ma hemmx lok li tingħata importanza kbira ħafna lill-kunċett ta' katalogu. Id-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 1(1)(g) tad-Direttiva hija l-istess bħad-definizzjoni tas-servizz awdjoviżiv lineari (jiġifieri x-xandir televiżiv), li tinsab fil-punt (e) tal-istess paragrafu. Il-katalogu fil-kuntest ta' servizz non-lineari huwa l-ekwivalenti tal-"iskeda", jiġifieri tal-organizzazzjoni tal-programmi matul iż-żmien, fil-kuntest tas-servizz lineari. Is-servizz non-lineari huwa differenti mis-servizz lineari preċiżament peress li l-programmi ma *jixxandru*x f'mument partikolari, iżda huma *magħżula* mill-utent fil-mument li jixtieq. Għandu għalhekk jeżisti katalogu li minnu l-utent jista' jagħżel it-titoli li jinteressawh. Madankollu dan ma għandux jiġi interpretat fis-sens li l-eżistenza ta' katalogu tippreżumi li s-servizz jikkostitwixxi servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva 2010/13.

46. Il-premessi tad-Direttiva 2010/13 jinkludu indikazzjonijiet oħra dwar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal dak li jirrigwarda s-servizzi awdjoviżivi non-lineari.

47. Skont il-premessa 24 tagħha, is-servizzi tal-mejda non-lineari għandhom ikunu "simili għat-televiżjoni", li jfisser li jindirizzaw l-istess pubbliku. Madankollu huwa diffiċli li jiġi kkunsidrat li t-televiżjoni tindirizza pubbliku partikolari wieħed jew iktar. Hija toffri kontenut diversifikat ħafna, intiż fil-prinċipju għal kull tip possibbli u immaġinabbli ta' pubbliku, billi jissodisfa t-talba tagħhom fil-qasam tal-informazzjoni, ta' divertiment u ta' edukazzjoni. Din il-premessa għandha pjuttost tiġi analizzata bħala sinjal li l-leġiżlatur ried iżomm kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn tipi ta' attivitajiet ekonomiċi simili, billi jissuġġettahom għal dispożizzjonijiet analogi, tal-inqas f'dak li huwa essenzjali. Għalhekk, servizzi non-lineari "simili għat-televiżjoni" għandhom jinftiehmu b'mod strett; skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur, id-Direttiva 2010/13 tista' tapplika biss sa fejn l-iżvilupp tat-teknoloġiji ta' telekomunikazzjonijiet joffri, taħt forma non-lineari, l-istess kontenut bħal dak li qabel kien disponibbli biss fuq it-televiżjoni, jiġifieri fil-kuntest ta' servizz lineari. Madankollu l-leġiżlatur ma kellux l-intenzjoni li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni għall-fenomeni ġodda marbuta mal-ġeneralizzazzjoni tal-internet, u b'mod partikolari tal-broadband internet, bħall-iżvilupp tal-paġni tal-internet multimedja.

48. Din il-konklużjoni ma titqegħidx fid-dubju mill-bqija tal-premessa 24 tad-Direttiva 2010/13, li tipprovdi li l-kunċett ta' programm għandu jkun interpretat b'mod dinamiku billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-iżvilupp fix-xandir televiżiv. Din l-indikazzjoni tfisser sempliċement li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal dak li jirrigwarda s-servizzi non-lineari għandu jibqa' relatat mal-iżvilupp tas-suġġett prinċipali li hija għandha l-għan li tirregola, jiġifieri s-servizzi lineari. Is-servizzi non-lineari ma jistgħux jikkostitwixxu qasam separat ta' regolamentazzjoni tad-Direttiva. Dan iġib miegħu l-bżonn li dejjem jibqgħu jiġu inklużi tipi ġodda ta' kontenut awdjoviżiv, li jista' ma jkollhom xejn komuni max-xandir televiżiv lineari.

49. Fl-aħħar nett, skont il-premessa 28 tad-Direttiva 2010/13, il-kamp ta' applikazzjoni ma jinkludix il-"verżjonijiet elettroniċi ta' gazzetti u magazines". Fl-opinjoni tiegħi, dan il-passaġġ għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-livell attwali tal-iżvilupp tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Għalhekk, hawnhekk ma hijiex kwistjoni ta' servizz li jikkonsisti f'mekkaniżmu ta' trasferiment tal-kontenut tal-karta tal-gazzetti u tal-magazines fuq l-internet. L-ewwel nett, tali servizz ma jkollux post għal kontenut awdjoviżiv, li neċessarjament il-medja tal-karta ma jkollhiex minnu. It-tieni nett, il-paġni tal-internet tal-gazzetti u tal-magazines huma limitati għar-riproduzzjoni taħt forma elettronika tal-artikoli ppubblikati fl-edizzjonijiet tal-karta li dejjem qed jonqsu. Ħafna drabi llum jiġu żviluppati

portals li jinkludu, f'numru ferm ikbar mill-verżjonijiet fuq il-karta, elementi ta' natura differenti inkluż it-tip awdjoviżiv. Dan jirrigwarda l-iktar il-gazzetti, li s-siti internet tagħhom jieħdu, bħala regola ġenerali, il-forma ta' portals ta' informazzjoni li jinkludu aħbarijiet kontinwament aġġornati, dokumenti ta' analiżi, sezzjonijiet speċjalizzati u ddettaljati, eċċ. Is-sit internet ta' Tiroler Tageszeitung Online jikkostitwixxi preċiżament eżempju ta' dan. Barra minn hekk, il-portals ta' dan it-tip ma jiffunzjonawx biss taħt it-titolu tal-gazzetti, iżda jistgħu jkunu wkoll proprjetà ta' stazzjonijiet televiżivi jew tar-radju, l-iktar dawk ta' informazzjoni, jew jiffunzjonaw esklużivament bħala portals tal-internet. Dawn il-kategoriji ta' portals kollha għandhom il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, iżda għandhom struttura ġenerali u kontenut analogi. Għalhekk li jiġu kkunsidrati b'mod differenti ċerti portals tal-internet ta' natura informattiva minħabba l-fatt biss li huma proprjetà ta' gazzetti jew ta' magazines, huwa fl-opinjoni tiegħi inġustifikat u jwassal għal inugwaljanza fit-trattament. Il-premessa 28 tad-Direttiva 2010/13 għandha għalhekk tiġi analizzata bħala indikazzjoni tal-fatt li l-leġiżlatur ried jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva kull tip ta' sit internet ta' informazzjoni li għandu n-natura ta' multimedja, jiġifieri li jinkludi fost oħrajn kontenut awdjoviżiv.

Risposta għad-domandi preliminari

50. Il-qorti tar-rinviju tagħmel domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-kriterju tal-għan prinċipali, kif ukoll tal-kunċett ta' programm [24], fil-kuntest ta' kawża dwar il-klassifikazzjoni, bħala servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva 2010/13, tal-parti mis-sit internet ta' Tiroler Zeitung Online li tinkludi kontenut awdjoviżiv. Madankollu, il-kwistjoni tirrigwarda essenzjalment jekk din id-direttiva tapplikax għal portals tal-internet ta' informazzjoni tat-tip multimedja, jiġifieri li jinkludu kemm materjal bil-miktub u fotografiku, kif ukoll awdjo u awdjoviżiv.

51. Fl-opinjoni tiegħi, il-premessi preċedenti jwasslu għall-konklużjonijiet segwenti, li huma essenzjali sabiex tingħata risposta għad-domandi hekk magħmula.

52. L-ewwel nett, id-Direttiva 2010/13 hija l-konsegwenza diretta tal-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tat-televiżjoni, u l-għan tagħha huwa biss li ddaħħal fil-kamp tar-regolamentazzjoni s-servizzi li jinsabu f'kompetizzjoni diretta mat-televiżjoni, jiġifieri li joffru l-istess kontenut taħt forma non-lineari.

53. It-tieni nett, l-għan prinċipali ta' servizzi tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva 2010/13 huwa l-provvista ta' programmi, jiġifieri elementi ta' programm tradizzjonali tat-televiżjoni (skeda ta' programmi fis-sens tat-terminoloġija tad-Direttiva), inkluż meta, fil-każ ta' servizz non-lineari, dawn il-programmi ma jixxandrux f'mument partikolari, iżda fuq talba tal-utent.

54. It-tielet nett, u għalkemm b'mod anakronistiku fid-dawl tal-livell attwali ta' żvilupp tat-teknoloġija tal-internet, il-leġiżlatur indika b'mod ċar fil-premessi tad-Direttiva li ma kellux l-intenzjoni li jdaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-portals tal-internet ta' informazzjoni.

55. Portal tal-internet tat-tip tas-sit ta' Tiroler Tageszeitung Online ma jissodisfax għalhekk ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jitqies li huwa servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva. L-ewwel nett, it-tnissil ta' portals tal-internet multimedja li, minbarra kontenut bil-miktub u fotografiku, jinkludu materjal awdjo u awdjoviżiv ma huwiex fil-fatt il-konsegwenza tal-iżvilupp teknoloġiku tat-televiżjoni, iżda fenomemu kompletament ġdid, marbut essenzjalment mat-tkabbir tal-fluss tan-netwerks ta' telekomunikazzjonijiet. It-tieni nett, in-natura multimedja tal-portals bħas-sit internet ta' Tiroler Tageszeitung Online ma tippermettix analiżi differenti mill-bqija tal-portal tal-kontenut awdjoviżiv li jinsab fih, anki jekk dan tal-aħħar ikun miġbur f'sezzjoni separata tal-imsemmi portal. L-essenza ta' servizz multimedja hija fil-fatt li jingħaqdu forom ta' messaġġi differenti — bil-miktub, immaġini u

24 — Ara l-punti 36, kif ukoll 42 u 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

ħsejjes — u l-arkitettura konkreta ta' portal tikkostitwixxi biss aspett tekniku sekondarju. Fit-tielet u l-aħħar nett, tali portals tal-internet multimedja jikkostitwixxu l-forma attwali ta' dak li l-leġiżlatur kien għadu jista' jikkunsidra bħala l-"verżjonijiet elettroniċi ta' gazzetti u magazines" fi żmien ix-xogħlijiet relattivi għad-Direttiva dwar is-servizzi awdjoviżivi.

56. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li l-Artikolu 1(1)(a)(i) tad-Direttiva 2010/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li la s-sit internet ta' ġurnal li jinkludi materjal awdjoviżiv, u lanqas kwalunkwe sezzjoni tal-imsemmi sit, ma jikkostitwixxu servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tal-imsemmija direttiva.

57. Nixtieq nirrileva wkoll li jiena ma naqbilx mal-preokkupazzjoni li tali interpretazzjoni tippermetti lill-operaturi li effettivament jipprovdu servizzi tal-medja awdjoviżiva li jipproġettaw ruħhom bħala portal ta' informazzjoni multimedja sabiex b'hekk jevitaw il-leġiżlazzjoni li hija applikabbli għalihom f'dak il-qasam. Huwa evidenti li l-applikazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet adottati abbażi tad-Direttiva 2010/13 teħtieġ l-evalwazzjoni tan-natura tas-servizzi eżistenti fis-suq sabiex jiġu kklassifikati bħala servizzi tal-medja awdjoviżiva fis-sens tad-Direttiva. Ebda dispożizzjoni legali, anki l-iktar waħda preċiża, ma tista' tissostitwixxi tali evalwazzjoni każ b'każ; dan japplika wkoll fl-oqsma kollha tad-dritt. L-eventwali diffikultajiet li jirriżultaw minn dan ma jistgħux madankollu jiġġustifikaw interpretazzjoni tad-Direttiva b'mod li tinkludi fil-prattika l-kontenut awdjoviżiv kollu eżistenti fuq l-internet, u li b'hekk teċċedi l-portata tar-regolamentazzjoni prevista mil-leġiżlatur.

58. Nerġa' ndur issa għaż-żiemel li semmejt fil-bidu ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-fatt li huwa teoretikament diffiċli li tingħata definizzjoni astratta ta' servizz tal-medja awdjoviżiva ma jfissirx li fil-prattika ma huwiex faċli li jiġi identifikat tali servizz. Il-maġġoranza kbira tas-servizzi ta' dan it-tip joffru fuq siti internet feature-length films, serje televiżivi, trażmissjonijiet sportivi, eċċ. Għalhekk dawn jirrigwardaw ġeneru ta' xandir li huwa faċli li jiġi kklassifikat bħala tipikament televiżiv. Id-dubji għandhom jiġu riżolti skont l-għan tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva, favur in-nuqqas ta' applikazzjoni tagħha għas-siti internet multimedja. Għalhekk jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi tal-medja awdjoviżiva biss is-siti li jissodisfaw mingħajr ebda dubju l-kriterji kollha ta' tali servizz.

59. Huwa evidenti li l-interpretazzjoni li jiena nipproponi tirrigwarda d-definizzjoni ta' servizz tal-medja awdjoviżiva abbażi tal-formulazzjoni attwalment fis-seħħ tad-Direttiva 2010/13. Din id-direttiva hija r-riżultat tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet legali intiżi għax-xandir televiżiv u, kif jirrileva ċertu awtur, għandha natura ttimbrata mis-seklu għoxrin [25]. Madankollu dan ma jfissirx li l-kontenut li jinsab fuq l-internet, inkluż dak awdjoviżiv, ma jistax jew ma għandu bl-ebda mod ikun suġġett għal dispożizzjonijiet legali, fosthom dawk tad-dritt tal-Unjoni, għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet bħall-protezzjoni tal-minuri u tal-ordni pubbliku, tar-reklamar jew tal-prinċipju ta' trażmissjoni ta' avvenimenti importanti. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi dawn għandhom ikunu dispożizzjonijiet adattati għall-karatteristiċi speċifiċi tal-internet, u b'mod partikolari għan-natura multimedja tiegħu. Ix-xogħlijiet relatati mal-pakkett ġdid ta' dispożizzjonijiet dwar is-suq diġitali, reċentement imħabbra mill-Kummissjoni [26], jistgħu joffru din l-okkażjoni.

25 — Cabrera Blázquez, F.J., *op. cit.*, p. 25.

26 — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, COM(2015) 192 final.

Konklużjoni

60. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi magħmula mill-Verwaltungsgerichtshof kif ġej:

L-Artikolu 1(1)(a)(i) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Marzu 2010, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) għandu jiġi interpretat fis-sens li la s-sit internet ta' ġurnal li jinkludi materjal awdjoviżiv, u lanqas ebda sezzjoni tal-imsemmi sit, ma jikkostitwixxu servizz tal-medja awdjoviżiva fis-sens tal-imsemmija direttiva.